

# Is-Surmast Emmanuele Spiteri u l-*Filarmonica L'Unione* Mitt Sena Ilu

**Francis Galea**

Iben l-Għawdxi Giovanni Pietro u Anna mwielda Balzat, is-surmast Spiteri twieled fi Triq Merkanti l-Belt Valletta nhar l-Erbgħa, 10 ta' Diċembru 1879 u ġie mgħammed tlett ijiem wara fil-knisja Bażilika tal-Porto Salvo u San Duminku. Sa mill-bidu tal-istudju tal-mużika kif ukoll dak akkademiku aktar tard, wera li kellu kapaċità teknika li mhux biss wasslitu jkun surmast tal-klarinett, iżda li setgħet twasslu għal ambizzjonijiet ferm akbar.

Meta fit-30 ta' April 1892 kellu tlettax-il sena, huwa ngaġġa mar-Riġment tar-*Royal Malta Artillery* biex kompla jimxi 'l quddiem fl-arti mużikali u sa Diċembru 1893 irnexxielu jikseb ċertifikat akkademiku. Erba' snin wara, Emmanuele laħaq *Gunner* u f'Lulju 1897 ingħata l-grad ta' *Bumbardier* fit-Taqsima tat-*Tielet Battaljun*. Minkejja dawn il-kisbiet, Emmanuele dejjem kellu f'moħħu li minbarra li jimxi 'l quddiem fis-servizz, xtaq ikun klarinettista fil-banda tar-Riġment, kif fil-fatt ġara nhar l-1 ta' Mejju 1898. F'Settembru 1902 Spiteri inħatar *Band Corporal* waqt li f'Diċembru 1907 ingħata r-responsabilità ta' *Band Sergeant*. B'hekk bil-ħiliet u l-abbiltajiet tiegħu flimkien mas-sens ta' dixxiplina personali u rispett lejn għajru, Emmanuele Spiteri sar aktar popolari u miġjub minn sħabu.

Għall-ħabta tal-1910 huwa ġie maħtur Assistent Direttur tal-Banda Filarmonika Nazzjonali La Vallette, u anke dderieġa din il-banda f'diversi okkażjonijiet. Wara li għal xi snin kien irawwem l-allievi f'Ħal Luqa, is-surmast Spiteri ngħata l-inkarigu biex imexxi l-Banda l-*Unjoni* mill-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà. L-abbiltajiet tiegħu ma waqfux hawn għax ġie anke aċċettat bħala direttur fil-Kulleġġ Militar Ingliż ta' *The Royal Military School of Kneller Hall*, Twickenham. Lura pajjiżna u bil-kisba ta' din id-Diploma prestiġjuża huwa ngħata l-inkarigu tal-Banda tal-R.M.A.

Il-ħbiberija u r-rispett tiegħu lejn is-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni ta' Ħal Luqa dehret ukoll f'xogħolijiet mużikali li kkompona marbuta mal-valuri sentimentali tad-dilettanti tal-Banda. Fost dawn insemmu t-tliett biċċiet Marcia Sinfonika, *Europa Ed Africa, 30 Novembre, u Rosa di Maggio*, kif ukoll il-Marcia Trionfale *L'Unione*.

Fl-1915, il-Filarmonika L-Unjoni kienet diretta mis-surmast bravu Emmanuele Spiteri. Nhar l-10 ta' April 1915 il-Banda l-*Unjoni* daqqet programm ta' mużika sagra u funebri waqt il-ħruġ tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Taħt it-tmexxija tas-Surmast Spiteri, il-Banda l-*Unjoni* kompliet timxi fit-triq tas-



Mro. Emmanuele Spiteri

suċċessi. Fost l-impenji mużikali li nafu bihom insibu li nhar id-29 ta' Awwissu, il-Banda L-*Unjoni* daqqet fit-toroq ewlenin tar-raħal nhar il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura, meta ppreżentat dan il-programm -

| | | |
|---|---|---|
| *Symphonic March* | Roma | Ferradini |
| *Overture* | Re Carnevale | Rossi |
| *Selection* | Fedora | Giordano |
| *Egyptian March* | Riverso | |
| *Symphonic March* | Europa | E. Spiteri |
| Hymn of the Allies | | |
| God save the King | | |

Ftit tax-xhur wara, il-bandisti tal-Filarmonica L'Unione reġgħu taw wirja tal-ħiliet mużikali tagħhom fis-servizzi li l-banda ssuktat tagħti għall-festa ta' Sant'Andrija Appostlu.

**Bibliografija**

Francis Galea, Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni, 2005.



BERNARD
*ta' Twanny*
Tal-Ħaxix

Fil-pjazza ta' Ħal Luqa
KULJUM
Għall-aqwa kwalità ta'
ħaxix u frott